**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 422 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**Vs**

**Charlene Carmen Formosa**

**Mario Formosa**

Illum, 15 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Charlene Carmen Formosa ta' 24 sena bint Mario u Marlene (Mary) nee' Galea mwielda fis-26 ta' Gunju, 1996, u toqghod: Binja 21 ta' Settembru, 1964, Ent F, Flat 3, Triq taz-Zwejt, San Gwann, Karta tal-identita: 270996 M;

u

Mario Formosa ta' 70 sena bin Rita nee' Formosa mwieled San Giljan u joqghod Binja 21 ta' Settembru, 1964, Ent F, Flat 3, Triq taz-Zwejt, San Gwann, Karta tal-identita: 665449 M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar id-19 ta' Marzu, 2020, ghall-habta ta' 9:30 hrs, fl-inhawi ta' Triq il-fawwara, Siggiewi:

1. Bhala persuna li kellek xi kelb taht il-kontroll tieghek, hallejt lil dak il-kelb jiggerra f'xi triq jew f'post pubbliku iehor, minghajr ma kellek kontrol tieghu u jew minghajr ma' zammejtu b'cinga.

2. Bhala sid jew detentur ta' kelb li kien ta' periklu ghan-nies, inqast li zzomm dak il-kelb taht kontroll.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-artikol 14(1) u (4) tal-Kapitolu 312 tal Ligijiet ta' Malta u regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 312.01, qeghda ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontrihom u tikkundanhom ammenda kumplessiva, lil kull wiehed minnhom, ta' tlieta u ghoxrin Euro (€23) kif ukoll tordna lill-Pulizija sabiex jiddistruġġi 1-kelb għas spejjeż ta' sidu jew tad-detentur tiegħu minkejja li l-kelb jista' jkollu sid jew detentur ġdid.

Rat ir-rikors tal-appellanti Charlene Carmen Formosa u Mario Formosa minnhom pprezentat fit-22 ta' Novembru, 2021, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati fit- 8 ta' Novembru, 2021, li nghatat ingustament u kontra l-ligi u tilliberahom min kull htija, multa u piena.

Illi inoltre f' kaz illi din l-Onorabbli Qorti ma tilliberax entrambi jew il-xi hadd mill-imputati ghandha thassar, tirrevoka u tordna li l-imsemmi kelb ma jkunx distrutt stante li mhuwiex perikoluz u stante li ma kkawza ebda ferita jew aggressjoni lil xi persuna. Tali kundanna ghad-distruzzjoni tal- kelb hija rregolari u mhux mandatorja u ma kellhiex tigi ordnata mill-ewwel Qorti u konsegwentement jintalab revoka u

kancellament ta' tali ordni ta'disturuzzjoni wara verifiki u accertamenti li zgur din il-Qorti ghandha fakolta titlob, taghmel u tordna.
Rat illi l-imputati hassew ruhhom aggravati mid-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti u jinstabu jinterponu dan l-umili appell skond l-aggravji segwenti.

**Aggravji**

1. Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-imputat Mario Formosa instab hati meta huwa ma kellux il-kontroll tal-imsemmi kelb ghaliex lanqas ir-razzett ma kien izda kien Bugibba u dakinhar ma marx ir-razzett gewwa s- Siggiewi. Zgur li l-appellant Mario Formosa ma jista' qatt jkun ikkunsidrat li kien persuna li tikkwalifika li setgha kellhu l-kontroll tal-kelb ghaliex lanqas ma kien fl-inhawi. Di piu il-prosekuzzjoni naqset li ggib l-ahjar prova fir-rigward tal-proprjeta tal-kelb. Dwar il-kelb ma tressqet ebda prova dwar min kien jew min huwa l-proprjetarju registrat tal-kelb in kwistjoni u certifikat ta'registrazzjoni jkun l-ahjar prova li kien nieqes mill-provi prodotti. Illi ghalhekk sija l-piena anke jekk din kienet wahda zghira fis-sens ta'multa ta'€23.29 ukoll kienet ingustifikata u skoretta u qed jsir umili appell minnha kif ukoll mid-decizjoni tad-distruzzjoni tal-istess kelb li huwa l-kelb tal-appellant Mario Formosa.

**Apprezament tax- Xhieda Viva Voce – Qatt ma kien ta'periklu ghan-nies.**

2. Illi aggravju ulterjuri kien fl-apprezzament hazin tal-provi in kwantu l-ewwel Qorti kellha kkonfermat li din kienet glieda bejn zewgt iklieb u ebda persuna ma sofriet griehi. Illi uhud mix-xhieda ttentaw jghidu li waqt il-glieda bejn il-klieb sofrew xi griehi. L-ewwel Qorti kkonstatat ritratti li jinstabu esebiti u li sejrin certament jassistu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tapprezza li x-xhieda ttentaw jesageraw u li in effetti ma sofrew l-ebda griehi mill-kelb. Illi d-difiza nnotat li ritratt partikolari m' huwiex gidma izda selha fl-id fejn tinzamm ic-cinga tal-kelb li allura hija kompatibbli ma selha possibilment kkawzata mill-

gbid waqt il-glieda bejn il-klieb rispettivi. Jinghad bir-rispett li l-klieb entrambi taw daqskemm qalghu u entrambi spiccaw bi griehi fuqhom kif jikkonfermaw r-ritratti. L-espressjoni 'tqatlu daqs klieb' ceratment tispjega l-akkadut.

Dan jinstab jinghad sabiex jigi apprezzat li ebda persuna ma sofriet ebda aggressjoni jew griehi. Haga ferm stramba kien il-fatt li l-ewwel Qorti semghet kif l-kwerelanti kienu tlett persuni u tarbija gewwa pushchair u kien possibbli li bl-ghajnuna ta' persuni li kienu fl-akwati li rnexxilhom jferqu l-klieb b'mod illi l-kelb tal-appellanti Mario Formosa intrabat bil-habel ma sigra. Wiehed konsegwentement jistaqsi allura jekk dan kien possibli ma kien hemm ebda periklu lejn dawn il-persuni u allura dan huwa kelb li certament mhux perikoluz lejn il-persuni. Huwa fatt li l-klieb iggieldu izda dan ma jikkwalifikax il-kelb bhala kelb perikoluz u konsegwentement id-distruzzjoni tieghu m' hijiex wahda li tikkwalfika gustifikata fil-ligi.

Illi nfatti l- **Artiklu 14 tal- Kapitolu 312 l- Att dwar il-Klieb** jiddisponi li; (1) Meta xi sid jew detentur ta'kelb li **jkun ta'periklu ghan-nies** …….. "

Illi l-aggravju manifest jikkonsisti fil-fatt li dan il-kelb m' huwiex perikoluz ghan-nies ghaliex li kieku kien perikoluz kien certament jaggredixxi lis-sidien tal-kelb li kienu tlieta u assistiti min persuni ohra tant li hallihom jorbtulu habel ma ghonqu u rabtuh ma sigra waqt li kien qed jiggieled mal-kelb taghhom. Il-verita hija li entrambi l-klieb gidmu lil xulxin izda hadd mill-klieb ma kien ta'periklu ghan-nies. **Il-ligi tipprovdi distruzzjoni tal-annimal fil-kazijiet estremi u meta jirrizulta li l-klieb jkunu ta'periklu ghan-nies u m' huwiex mandatarju li l-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-kelb.**

Il-ligi espressament tikkwalfika meta kelb jkun perikoluz u meta ghandhu jkun distrutt tant li l-**Artiklu 14 (4) tal- Kapitolu 312 l-Att dwar il-Klieb jikkonferma;**

***(4) Kelb jkun gidem jew habat ghal xi persuna jitqies li hu perikoluz, kemm il-darba ma jigix ppruvat il-kuntrarju.***

Dan certament jikkonferma l-aggravju manifest li l-kelb ma kellux jkun ordnat li jkun distrutt ghaliex certament l-fatti jikkonfermaw li l-imsemmi kelb ma kienx perikoluz ghan-nies u kien biss involut fi glieda ma kelb iehor tant li huwa ukoll sofra diversi griehi u gdim mill-kelb tal-kwerelanti.

Illi l-ewwel Qorti setghet ordnat li l-kelb in kwistjoni jkun ezaminat minn veterinarju kwalifikat jew persuna kwalfikata fiz-zamma u kura tal- annimali bhal ma huwa ufficjal tal- Animal Welfare sabiex jezamina l-imsemmi kelb sabiex jassisti l-Qorti jekk l-kelb huwiex kelb perikoluz o meno.

Illi l-imsemmi kelb huwa kelb li qatt ma kellh ebda incident ma persuni tant li jilghabu mieghu t-tfal zghar tal-appellanti u sahansitra jghix fir-razzett maz-zwiemel li huma annimali li ma jittollerawx klieb aggressivi ghaliex huma annimali li jinhasdu hafna. Dan il-kelb fil-fatt jzomm kumpanija ghal dawn iz-zwiemel li zgur jikkwalfika l-istess kelb bhal kelb ta' temperament docli u kalm. Jsegwi ghalhekk l-aggravju li l-ewwel Qorti ma setghet qatt tordna d-distruzzjoni tal-imsemmi kelb meta ma kellhiex provi li huwa kelb perikoluz u wisq aktar li kien kelb perikoluz ghan-nies. Anzi l-provi jikkonfermaw li nonsotante li l-kelb kien qed jkun aggredit mill-kelb l-iehor kien possibli li jitpoggilu habel ma ghonqu u li jintrabat ma sigra fejn sabithu Charlene Formosa. Fil-verita dan kollhu jikkonferma kemm ma kienx u kemm ma huwiex kelb perikoluz ghan-nies ghaliex imkien waqt l-imsemmija glieda ma kienu esposti ghal xi periklu tant li kien possibli li jorbtuh ma sigra u li jintrabat. Normalment persuna f'sitwazzjonijiet simili tibza xi ftit min klieb qed jigdmu l-xulxin u filwaqt li certament tkun sitwazzjoni emottiva u ta'certu biza dan ma kienx il-kaz ghaliex is-sidien tal-kelb l-iehor liberament rabtuh ma sigra, zgur ghaliex ma kienx qed jaggredihom jew kien ta'periklu ghalihom.

**Aggravju**

Illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta stqarret li d-distruzzjoni tal-kelb kienet mandatorja fil-ligi. L-ewwel Qorti ma tikkonstata ebda artiklu tal-ligi li jsostni l-ordni ta'distruzzjoni bhala wahda mandatorja jew li hija *sine qua non ex lege.*

Illi gie kkonstatat illi kien hemm glieda bejn il-klieb izda rrizulta li l-versjoni tal- fatti kienet wahda fejn l-imputati ma kienux presenti u ma setghu qatt jkunu jafu ezattament kif sehhew il-fatti vera.

Charlene Formosa tikkonferma li hija kienet marret mixja biz-ziemel f'idejha u sahansitra ghaddiet min hdejn il-kwerelanti li rawha u ferhu biz-ziemel taghha. Hadd minnhom ma ra li kellha xi kelb maghha jew gej warajha.

Jidher li kien hemm klieb ohra fl-inhawi. L-aggravju serju u important kien il-fatt li omm il-kwerelanti kkonfermat quddiem l-ewwel Qorti li Charlene Formosa meta marret tfittex il-kelb u sabitu marbut mas-sigra qaltilha a tempo vergine; *"sibt il-gate miftuha."*

Dan intqal mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u l-ewwel Qorti zbaljat meta skartat dan il-fatt kritiku u ta'certa importanza ghaliex jikkonferma kemm Charlene Formosa ghamlet dak kollhu fil-possibilita taghha li zzomm l-imsemmi kelb taht control. Jekk il-kelb thalla maghluq fir-razzett u meta marret lura sabet l-imsemmi sokor sgassat certament ma tikkwalifikax cirkostanza fejn hija naqset mill-obbligu taghha u kienet kawza estranja u awtonoma lil hemm mill-kontroll taghha u jsegwi li zgur ma setghet qatt tigi kkunsidrata hatja ta'responsabilita kriminali meta jirrisulta li hija stess sofriet sgass u ftuh tar- razzett min terzi. Zgur li ghal dan l-agir jikkonsisti f'cirkostanza ta' forza maggiuri li ghaliha zgur ma tistax tkun kkunsidrata responsabbli.

Illi l-aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti kienet ingustament indotta tordna htija meta c-cirkostanzi juru li ma kienx hemm imputabilita kontra l-appellanti. Huwa

ghalhekk zball meta Qorti tordna htija u piena meta mhux necessarjament, anke jekk jkun hemm incident bhala dan, li ghandhu jwassal li jkun hemm htija fuq persuna jew persuni jew entrambi. Kif premess Mario Formosa kien post iehor u Charlene Formosa ghamlet dak kollhu minnha mitlub fis-sens li sakret l-imsemmi kelb u sabet il-bieb tar-razzett sgassat u miftuh kwindi kawza lil hemm mill-kontroll taghha.

Fil-kaz odjern mhux si tratta ta' kunflitt ta' provi jew provi kunfliggenti fejn il-gudikant jista jaghzel versjoni mill-wahda opposta kif kien premess fil- kaz Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet <u>Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**</u>:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Fil-kaz odjern hemm xhud tal-istess prosekuzzjoni, li hija il-kwerelanti nnifisha li tispjega l-Qorti li Charlene Formosa "*sabiet il- gate miftuha*".

Illi l-ewwel Qorti kellha tikkunsidra dawn il-provi u kienet tenuta tosserva l-principju li ghas-sejbien ta'htija kellhu jkun hemm provi lil hemm min kull dubju , u dan ghaliex il-provi jxejnu kompletament il-htija tal-imputata Charlene Formosa skond l-akkuzi tal-prosekuzzjoni u l-istess provi *viva voce* u *a tempo vergine* qed jikkoraboraw t-tesi tad-difiza u l-versjoni tal-imputata Charlene Formosa li ma kienitx responsabbli li halliet il-kelb minghajr kontroll ghaliex hija ghalqitu gewwa r-razzett qabel ma harget biz-ziemel ghal mixja. Dan huwa aggravju li din l-Onorabbli Qorti zgur ghandha tikkunsidra sabiex tasal sabiex tillibera l-imputati appellanti. Jsegwi li l-ewwel Qorti mhux bilfors kellha ssib htija meta kien jidher car li Charlene Formosa ma naqsitx u ma kellha ebda intenzjoni jew responsabilita Kriminali ghar-rigward l-akkadut.

**Extra u Ultra Petita**

Illi l-Prosekuzzjoni pprospettat kaz fejn ma talbet ebda distruzzjoni tal-kelb ghaliex ma kellhiex indikazzjoni li si tratta ta' kelb perikoluz. Illi anke seduta stante l-kwerelanti ddikjaraw li ma xtaqux li l-imsemmi kelb jkun distrutt ghaliex huma nies li jhobbu l-annimali u certament il- qtil tal-imsemmi kelb ma kienx dak minnhom intenzjonat. Fil-kaz li jkun kelb perikoluz kwerelant ma jkollu ebda esitazzjoni li jipprotesta ruhu sabiex kelb jekk jkun perikoluz jigi distrutt.

Illi l-aggravju ghalhekk jikkonsisti fil-fatt li l- ewwel Qorti ordnat distruzzjoni meta ma kienx hemm akkuza u talba ghal dan u l-ewwel Qorti ppronuncjat decizjoni ultra petita meta ordnat distruzzjoni tal-kelb ghaliex skond l-ewwel Qorti dan kien mandatarju hu huwa ex lege. Anche kieku dan kien il-kaz, dan japplika biss meta l-kelb jkun ta'periklu ghan-nies u f'dan il-kaz ma kienx ta'periklu ghan-nies ghaliex iggieled biss ma kelb iehor. Il-ligi tikkwalfika kelb perikoluz bhala " *kelb li jkun gidem jew habat ghal xi persuna, jitqies perikoluz* " **Art 14 (4) Kap 312**.

Kien aggarvju iehor li jinstabu entrambi l-persuni hatja meta Mario Formosa rrizulta li l-anqas kien fis-Siggiewi izda kien Bugibba dik il-gurnata.

**Gurisprudenza**

Illi l-kawza **Il-Pulizija Spettur Martin Sammut vs Stephen Degabriele** datata 31 ta'Lulju 2008 Qorti Ta'L-Appell Kriminali per Imhallef Joseph Galea Debono tikkonferma li l-Artiklu pertinenti sabiex jigu esaminati kazijiet simili huwa l-**Artikolu 14 tal Kap 312**.

Dan kien kaz fejn ingidmet persuna b'differenza sostanzjali ghal kaz odjern fejn kienet biss glieda bejn zewgt iklieb. F 'dan il-kaz ikkwotat il- kaz **Il- Pulizjja vs Sergio**

**<u>Farrugia</u>** (**19.10.2006**) fejn gie ordnat li d-distruzzjoni tal-kelb tkun revokata u dan jinzamm f'santwarju. Jsegwi kkonfermat li ghalhekk d-distruzzjoni mhijiex mandatorja u anke f'kazijiet fejn persuni sofrew griehi l-imsemmi kelb ma giex distrutt. Aktar u aktar d-distruzzjoni ma kellhiex tkun ordnata ghaliex ma kienitx applikabli u idonja ghal kaz ghaliex ma giex pprovat li kien kelb perikoluz. Anzi rrisulta li mhuwiex kelb perikoluz u d-distruzzjoni tieghu hija wahda ingusta u din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrevoka tali decizjoni bil-fakolta li anke taccerta ruha anke b'nomina ta'espert ex parte li jirrelata dwar il-karattru tal-kelb sabiex fl-ahjar interess tal-gustizzja u tas-sigurta taccerta ruhha u tkun tista serenament tirrevoka l-imsemmija distruzzjoni.Kien ukoll aggravju li l-ewwel Qorti ghaddiet sabiex tordna distruzzjoni meta kellha kull fakolta tordna esami tal-kelb qabel ma tippronuncja ruhha.

Illi kawza ohra li ukoll ikkunsidrat referenza dwar incident li jinvolvi kelb kienet il-kawza Civili mghotija mill- Qorti tal- Appell tat – 3 ta'Novembru 2006 **Appell Civili 696/1995 fl-ismijiet <u>Pacifico Fenech vs William Ronald Murphy</u>** fejn tigi tratatta l-imputabilita jew sahansitra n-nuqqas ta'responsabilita taht il-Kodici Civili meta ma jkunx kkawzat min -nuqqas tal- parti kif rrisulta li kien il-kaz ta'Charlene Formosa u Mario Formosa fejn jinghad ;

"l- azzjoni attrici hi bbazat fuq l- **Artikolu 1040** tal-Kodici Civili li jipprovdi ;

> *"Is-sid ta'annimal jew il-persuna li taghmel uzu minn animal ghaz-zmien li taghmel uzu minnu , iwiegbu ghal hsara li dak l-annimal jikkaguna , sew jekk ikun jinsab taht idejhom kemm jekk ikun intilef jew harab "*

Issa Charlene Formosa halliet il-kelb maghluq ir-razzett u ma kienitx qedha fil-pussess tal-kelb tant li omm il-kwerelanti tghid li kienu rawha biz-ziemel timxi u meta marret ghal kelb wara li sabitu nieqes kkonfermat li qaltilha li sabet il-bieb miftuh meta marret lura mill-mixja biz-ziemel.

"Din ir-responsabilita tista tigi eskluza bil-prova li l-fatt kien dovut ghall-forza magguri jew ghal- htija tad- dannegjat stess. Fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno Scicluna vs Paolo Zahra** deciza minn din il-Qorti fil- 21 ta'Frar 1967 ( Vol. LI.ii.804 **)** fejn jinghad ;

> *"Li pero , ma jistax jigi eskluz li dina r-responsabilita obbjettiva tigi nieqsa meta jirrisulta li l-incident li fih kien involut annimal , **kien dovut ghall- kaz fortuwitu , jew forza Maggiore**, jew ghal htija tad- dannegjat."*

Fil-kaz odjern li huwa kaz kriminali u allura jsegwu fatturi u provi ferm aktar esigenti min dawk rijkjesti fil- kamp Civili jirrisulta ppruvat illi Charlene Formosa ma tistax tinstab hatja ghaliex hadet il-mizuri kollha sabiex halliet il-kelb maghluq ir-razzett u **r-responsabilita hija nieqsa u esklusa meta l-fatt kien dovut ghall- forza magguri jew htija ta'terzi li setghu fethu l-kelb**. Kwindi ir-responsabilita taghha hija esklusa bil-prova tal- kaz fortuitu minhabba li xi hadd setgha sgassa u fetah il-*gate* tar- razzett tant li sabet il- *gate* miftuha. Dan tikkonfermah ukoll omm il-kwerelanti a tempo vergine li jikkonferma kemm Charlene Formosa ma kellhiex tinstab hatja tal-akkadut ghaliex ma kellhiex responsabilita Civili u wisq anqas Kriminali skond l-akkuza prospettata mill-prosekuzzjoni. Illi ghalhekk ma jirrizultax pprovat mill-grad rikjest fil-ligi fil-kamp Kriminali u l-aggravju f'dan is-sens ghandhu jintlaqa bir-revoka tal-htija kontra l-istess appellanti.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-ewwel aggravju principali jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzjoni fl-ewwel lok li l-akkuzati huma responsabbli ghall-incident mertu ta' dan l-appell u fit-teni lok li l-kelb huwa kelb perikoluz u ghalhekk ghandhom iraqduh. Issa hu principju ormaj stabbilit fil-

gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[1].; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2]; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4] u ohrajn.)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **R. v. Cooper**[5] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[5] 1969] 1 QB 276

*doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.[6]"*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[7], inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xhieda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami

---

[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994

approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Illi ghalhekk din il-Qorti kellha tezmina fid-dettall il-process u l-atti kollha kompilati.

Rat l-affidavit ta' **WPC 189 A Mawdsley** mahluf nhar it-3 ta' April 2020 esebit fl-atti a fol 2 tal-proces. Din spjegat illi nhar id-19 ta' Marzu 2020 ghall-habta tas-14.30 p.m gewwa l-ghassa ta' Hal Qormi, certu Bernice Dijk detentrici tal-karta ta' identita numru 438486M, Deborah Mizzi detentrici tal-karta ta' identita numru 438586M flimkien ma Teresa Mizzi detentrici tal-karta ta' identita numru 516361 fejn stqarru li ghal habta tad-9.30 a.m dakinhar stess waqt li kienu mixjin gewwa Triq tal-Fawwara, Siggiewi gew migduma minn xi klieb li thallew jigru barra.

Il-kwerelanti stqarrew li waqt li huma flimkien mat-tifel ta' Bernice ta' sena u nofs u l-kelba ta' Deborah (German Sheperd ta' lewn iswed) kienu mixjin, hargu tlett iklieb ohra tar-razza pitbull lewn kannella. German Sheperd ta' lewn kannella u kelb iswed u dawn marru biex jattakkaw il-kelba ta' Deborah. Stqarru li huma ppruvaw iferqu l-klieb fejn il-pitbull baqa' jigdem lil kelba ta' Bernice u sahansitra Teresa u Bernice gew migduma mill-pitbull stess.

Ziedu li dak il-hin waqfu zewgt irgiel li kienu ghaddejjin b'vettura fejn ghenuhom iferqu lil pitbull minn mal-kelba ta' Bernice u ftit tal-hin wara sid tal-kelb harget tkellimhom fejn qaltilhom li kienu harbulhom u biex jmorru l-poliklinika. Ziedu li s-sid identifikat ruhha maghhom bhala Charlene Formosa u kif ukoll kien cemplilhom missier Charlene Formosa u qallhom li kien taht shock kbir u ried jkun jaf fejn kienu biex jiltaqa' maghhom u rrispondietu fin-negattiv.

Stqarru li wara li gara dan kollu kien hadu l-kelba gewwa l-isptar San Frangisk[8] fejn il-veterinarju infurmathom li kellha topera lil kelba ghal fatt li kellha hafna gdim ma gisimha[9]. Il-kwerelanti pprezentaw certfikati medici mahruga mill-poliklinika tal-Furjana datat 19 ta' Marzu 2020 fil-hin ta' 11.30 mahrug minn Dr T Demarco[10] fir-rigward ta' Debroah Mizzi li kklasifikhom bhala griehi ta' natura hafifa. Waqt li Dr Stephanie Palmier[11] kklasifikat il-feriti li subiet Teresa Mizzi bhala griehi ta' natura hafifa '*save complicatoins*' waqt li l-feriti li kellha Bernice Van Dijk kienu ukoll deskritti minn Dr Stephanie Pace[12] bhaa feriti ta' natura hafifa (save complications).

Huma gew mitluba ukoll sabiex jipprovdu certifikat mediku tal-kelba u kif ukoll stqarru li jixtiequ li jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-kelb.

Fil-hinijiet tal-17.05 p.m irraportat gewwa l-ghassa ta' Hal Qormi Charlene Carmen Formosa hekk kif mitluba fejn mgharfa bir-rapport u nghatat is-solita twissija u d-dritt tal-avukat liema dritt irrifjutat u ffirmat dikjarazzjoni dwar dan[13]. Charlene stqarret illi ' jiena dawn in-nies kont mixja biz-ziemel u intqajt maghhom u kellhom tifel bir-rota u kelba mixjin biha u kienu qed jifirhu ghax it-tifel ra z-ziemel.' Jiena mort l-ghalqa u ma sibtx il-klieb u kif rajthom mhux hemm dahhalt iz-zieml u mort infittxhom. X'hin rajt li ma kienux fil-vicin qbadt il-karozza beix infittxhom u xi kilometru 'l boghod sibt il-kelb il-pitbull marbut ma arblu kollu dmija u ghajjatlu b'ismu u l-omm qaltli ara tmissux ghax dak gidmilna l-baby u ggenint.'

Qaltilha biex ma tinkwetax u li kienet ser tohodhom l-isptar u qalulha li kienu gja hadu l-kelba l-isptar u kienu panikuzi hafna dak il-hin. Kien hemm sinna ta' kelb ma l-art u riedet twassalhom il-poliklinika izda ma riedux. Cemplu l-ghassa u tathom id-dettalji taghha u l-omm riedet tiehu ritratt tan-number plate u qaltilha li ma kienx

[8] Fol. 28 u 29 ta' l-atti
[9] Fol. 30 ta' l-atti
[10] Fol. 20 ta' l-atti
[11] Fol. 21 ta' l-atti
[12] Fol. 22 tal-atti tal-process
[13] Dok KP1 fol. 19 tal-process

hemm ghalfejn ghax kienet tathom l-informazzjoni kollha. Il-pulizija infurmwhom biex imorru l-poliklinika u jmorru l-ghassa wara u ftehmu biex icemplulha biex jiltaqghu. Cemplitlhom biex tara kif kienu ser jibqghu u hadd ma irrispondiha u cempilha missierha u rrispondietu Bernice u tkelmu u qallha li kien mahsud u biex jiltaqghu u qaltlu li ser icempillu lura, pero hadd ma kien cemplilhom.

Mario Formosa irraporta ukoll gewwa l-ghassa ta' Hal Qormi bhala sid il-klieb fejn hemm, hu u Charlene Carmen Formosa gew infurmati li kienu ser jinhargu l-akkuzi fil-konfront taghhom.

Rat l-okkorenza esebit fl-atti a fol. 31 redatt minn WPC 189 Amy Marie Mawdsley li tikkonferma dak kollu li stqarret ix-xhud fl-affidavit taghha.

Rat ix-xhieda ta' **Deborah Mizzi** moghtija nhar it-8 ta' Novembru, 2021[14] u spjegat li nhar id-19 ta' Marzu, 2020 kienet mal-mummy, Tessie Mizzi, ohtha Bernice van Dyke, it-tifel t'ohtha u kellhom maghhom il-kelba Nina bic-cinga, telqu jimxu lejn is-Siggiewi u kienu telghin is-Salib tal-Gholja.

X'hin kienu qed jimxu raw lil Charlene Formosa l-appellanti odjerna ghaddejja biz-ziemel u baqghet tiftakarha ghaliex it-tifel t'ohtha jhobb hafna l-annimali u x'hin ra iz-ziemel beda jifrah. Sa dak il-hin ma kienux jafu min kienet. Baqghu mixjin u x'hin waslu f'salib it-toroq biex tmur lejn is-Salib tal-Gholja jew lejn il-Fawwara, ommha qaltilha li kienu gejjin tlett iklieb u lanqas lahqet spiccat is-sentenza li l-klieb marru hdejhom. Il-pitbull qabad il-kelba taghha. Tghid li l-pitbull kellu kulur kannella, kien hemm kelb iehor iswed, kelb German Shepherd ukoll kannella. Kienu tlett iklieb kbar. Dawn qabdu l-kelba taghha u l-pitbull tant kellha sahha li gibidhielha mic-cinga u gidimha minn ghonqa. Huma naturalment bdew jippanikjaw u bdew jghajtu ghall-ghajnuna. Il-pitbull spicca kaxkar il-kelba taghha ghan-naha l-ohra tat-triq. Huma

[14] Fol. 39 ta' l-atti

ppruvaw jigbdu l-pitbull minn maghha ghax kien liebes kullar. Il-klieb l-ohra bdew iduru mal-pushchair bit-tifel t'ohtha fiha. Kienet sitwazzjoni tal-biza. In-nies bdew jieqfu ghax bdew jarawha li qed tghajjat ghall-ghajnuna. Il-kelba taghha spiccat ghamlet toilet tahtha kienet kwazi mejta. F'mument minnhom rehiha pero ma lahqux gabruha minn mal-art u rega qabadha minn zaqqha u *'tearing her apart'*. Imbaghad kien hemm ragel waqaf u kellu habel u irnexxilhom jaghmlu l-habel fil-kullar u gibduh u kien hemm arblu u rabtuh ma dan l-arblu. Ommha qabdet il-kelba ghabbewha fil-vann ta' wiehed ragel li waqaf hemmhekk. Ohtha cemplet lil partner taghha u mar ghaliha u ghall-kelba u haduha tigri l-isptar.

Kienet hi u l-partner taghha li hadu l-kelba l-isptar. Ohtha u ommha baqghu fl-akwati ghax cemplu lil tal-Annmal Welfare. Spjegat li l-kelba ghamlet iktar minn xaghrejn ghaddejja bis-surgeries. Hija esebiet seba' ritratti li gew markati bhala dok DM1 u huma ritratti ta' meta kienet irkuprat il-kelba. Il-kelba ghamlet erba' operazzjonijiet. Esebiet rapport li gie redatt mill-veterinarju u markat bhala dok DM2[15]. Dan il-vet kien ra l-kelba dakinhar stess tal-incident. Esebiet ukoll recovery form ta' wahda mill-operazzjonijiet li ghamlet il-kelba u dan gie markat bhala dok DM3[16].

Wara hija u l-partner taghha marru l-health centre ghax kienet taht shock kbir u esebiet ic-certfikat rilaxjat mit-tabib. Dan gie markat bhala dok DM4[17]. Waqt li kienet l-isptar tal-annimali ohtha u ommha kienu ma tal-animal welfare fuq il-post tal-incident. Tghid fil-jum tal-incident jew l-ghada kienu cemplu lil ohtha biex jaraw kif kienet baqghet izda imbaghad ma semghu xejn aktar. Wara xi xahar u nofs kienu cemplulhom huma biex jaraw jekk riedux jghamlu tajjeb ghad-danni li sofrew minhabba l-kura li kellha tiehu l-kelba. Hija baghtet xi ritratti lilhom bil-whattsapp izda ma semghu xejn iktar minghandhom.

---

[15] Fol. 57 ta l-atti
[16] Fol. 58 ta l-atti
[17] Dok. 59 ta' l-atti

In kontro ezami tikkonferma li l-kelba taghha kient bic-cinga waqt li l-klieb l-ohra kienu qed jigru barra.  Il-klieb gew min-naha l-ohra tat-triq u l-pitbull litteralment hataf il-kelba taghhom.  Tant kien fast li qabadha minn ghonqha u garra u kaxkarha ghan-naha l-ohra tat-triq.  Il-pitbull rabtuha mal-arblu hija flimkien ma ommha u ragel li kien inzerta ghaddej minn hemm.  Tghid li kien hemm intraction maghhom ukoll bil-kelb tant li anke lilha u lill-ommha gidmet. Fil-fatt il-feriti li ssubew ommha u Charlene huma dokumentati b'certfikat mediku. Ma kienx minnu li l-kelb taghhom gidem il-pitbull lura.  Ix-xhud ghamlet referenza ghar-ritratti esebiti u markati bhala dok MB1[18]. Ma rabtux il-pitbull mill-ewwel. Pero jekk meta kient ma l-art il-kelba taghhom gidmitx il-pitbull biex tiddefendi ruhha ma tafx. Jista jkun li meta kienet qed tiddefendi lilha innifisha laqtitu bi snienha. Ma tistax tghid li l-pitbull sofra xi griehi mill-kelba taghhom ghaliex kien hemm zewgt iklieb ohra fuq il-post.

Rat ix-xhieda ta' **Bernice Van Dyke** moghtija nhar it-8 ta' Novembru, 2021[19] fejn spjegat li nhar id-19 ta' Marzu 2020 hija flimkien ma ommha Teresa Mizzi, ohtha Deborah Mizzi u binha ta' sena u nofs marru passiggjata lejn il-limiti tas-Siggiewi flimkien mal-kelba taghhom Nina. Huma hu mixjin iltaqghu ma l-akkuzata Charlene Formosa li kienet riekba ziemel.

F'hin minnhom gew tlett iklieb fuqhom Pitbull, German Sheperd u kelb iehor lewn iswed u dawn attakkaw il-kelba ta' ohtha. Huma bdew jipprovaw iferquhom.

Il-kelba dak il-hin kienet fuq ic-cinga miexja ma ohtha. Il-pitbull baqa' imqabbad mal-kelba t'ohtha u bdew iferquhom. F'hin minnhom harset u rat lil binha fil-pushchair u fil-kantuniera rat iz-zewgt iklieb l-ohra. Hija qadet ma binha. Sadanittant ohtha u ommha baqghu jiggieldu u jipprovaw iferqu lil pitbull minn mal-kelba ta' ohthha. Sakemm damet tipprova tferraq il-klieb indunat li hi ukoll kellha gidma f'idejha tal-kelb. Mistoqsija minn liema kelb tghid li probabbilment mill-pitbull ghax Nina tafha

[18] Fol 50 et seq u fol 60 et seq
[19] Fol. 68 tal-atti tal-process

u zgur ma kienitx ser tigdimha. Hija esebiet rapport mediku li gie markat bhala dok BD1[20] u ritratti li gew markati bhala dok BD2[21] u ricetta tat-tabib markata bhala dok BD3[22].

Mistoqsija tispjega l-interazzjoni bejn il-klieb tghid il-pitbull qabad u hataf lil Nina. Mistoqsija fejn hatafha tghid li jew minn ghonqha jew minn zaqqha. Hija kellha zewg hatfiet. Sadanittant marret hdejn binha ghax bdiet tinwkieta li ha iduru ghalih. Tghid li bdew jieqfu n-nies u ituhom l-ghajnuna. Taf li f'xi hin waqaf ragel u hareg habel u irnexxilhom jorbtu il-pitbull ma arblu. Hija cemplet lil missierha biex imur bil-karozza halli jiehdu l-kelba l-isptar. Sadanitant giet l-akkuzata bil-karozza u x'hin rat il-kelb marbut ma l-arblu qaltilhom *' ara l-kelb ghax mort lura l-farm sibt zewgt iklieb pero il-pitbull ma sabitux u x'hin indunajt li hallejt l-gate miftuha gejt infitxu.'*

Huma kienu gja cemplu lil tal-Animal Welfare u qalulhom li la sid il-kelb mar fuq il-post u dawn qalulhom li la gie sid il-kelb setghet tiehdu lura. Tghid li ma Charlene kien hemm ragel maghha tippresumi li kien il-partner jew l-gharus taghha u t-tnejn li huma raw il-gidma li kellha. Qaltilhom li kienu sejrin il-poliklinika u wara jghamlu rapport ghand il-pulizija. Waqt li kienet hdejn Charlene talbitha l-ID card number taghha u n-numru tal-mobile. Huma inqdew mill-poliklinika tal Furjana.

Wara l-incident huma u sejrin lejn il-poliklinika, Charlene cemplitilhom u kellimha missierha Mario Formosa u din bdiet isaqsih kif kienu u staqsietu jekk il-kelba kienitx ghadha hajja jew le u ma kienux ghadhom jafu f'liema stat kienet il-kelba ghaliex kienet ghadha l-isptar. L-ghada kienet regghet cemplet Charlene biex tara kif kienet baqghet il-kelba u qalulha li kient ghadha l-isptar ghax kellha bzonn xi operazzjonijiet.

---

[20] Fol. 77 tal-atti
[21] Fol. 78 u 79 tal-atti
[22] Fol. 80 tal-atti

Tispjega li meta Charlene kienet ghaddejja biz-ziemel *on the lead* u ghaddiet minn maghhom klieb maghha ma kienx hemm. Kienu gew faccata ta' xulxin u kulhadd baqa' sejjer fi triqtu. L-incident sehh xi ghoxrin minuta wara li lehqet telqet minn fuq il-post. Sakemm pero l-akkuzata regghet giet ghal kelb taghha, kien ghadda zmien mhux hazin. Tghid li rat il-klieb gejjin b'velocita kbira u l-pitbull mar dritt ghal fuq Nina taghhom. Kien il-pitbull li qabadha, l-ohrajn ma messewhiex. L-ohrajn baqghu sejrin u f'hin minnhom rathom iduru mat-tifel. Tghid li kien hemm hafna nies li pprovaw iferqu l-pitbull minn ma Nina mhux biss ommha u ohtha izda kien hemm nies barranin ukoll.

Il-Qorti ezaminat ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Stephanie Palmier fil-konfront ta' Bernice Van Dyke u rat li Van Dyke kellha "*2 puncture wounds over dorsum of right hand and swelling and pain.. No other signs of injury*."

Teresa Mizzi xehdet nhar it-8 ta' Novembru 2021 u kkonfermat illi nhar id-19 ta' Marzu 2021 kienet festa pubblika u marret ma bintha Deborah u Bernice jimxu lejn is-Salib tal-Gholja. Kienu fit-triq mixjin u meta kienu fit-triq raw din it-tfajla Charlene u din kienet bil-qieghda biz-ziemel u peress li n-neputi taghha ihobb hafna l-annimali, xejru lil xulxin. Appena waslu f'Salib it-toroq rat tlett iklieb jigru totalment ghal fuq il-kelba taghhom Nina. Il-kelba taghhom kient fuq ic-cinga. Qalet li bdew jghajtu mal-klieb u tnejn minnhom telqu 'l hemm pero l-pitbull baqa' imwahhal mal-kelba u jigdem fiha. Qabadha l-ewwel minn ghonqha u wara minn zaqqha.

Tghid li huma pprovaw inehhu l-kelb pitbull minn ma Nina u bdew jghajtu ghall-ghajjut. Kien hemm ragel waqaf u tahom habel. Dahlu l-habel fil-kullar tal-pitbull biex igebduh minn ma Nina. Sadanittant Bernice marret hdejn it-tifel biex ma thallihx wahdu u cemplet lil min jigi minnhom biex jmorru ghalihom. Irnexxilhom inehhu l-pitbull minn ma Nina u rabtu lil pitbull ma sigra. Waqaf wiehed bil-pick-up u poggew lil Nina go fih sakemm gew niesha. Deborah marrret ma missierha li wasal fuq il-post l-isptar tal-annimali bil-kelba taghhom.

Wara ftit waslet it-tfajla Charlene li kienu raw ftit qabel maz-ziemel u bdiet titkellem mal-pitbull u tghidlu ' xghamilt? Fejn mort?' Staqsietha jekk il-kelba kienitx taghha u wiegbet fil-posittiv. Qaltilha li ghandha tlett iklieb u meta marret lura biz-ziemel sabet ix-xatba miftuha u b'hekk harbulha.

Tghid li hija hassitha affettwata hafna b'dan l-incident u spiccat ukoll bil-gdim. Hija pprezentat certfikat mediku li gie markat bhala dok TM1[23] u ricetta li giet markata bhala dok TM2[24]. Xi xahar u nofs wara l-incident cemplet u tkelmet ma missier Charlene, certu Mario u qaltlu li l-kelba kienet ghadha fir-*recovery* taghha u staqsietu jekk riedx jiltaqa maghhom biex jitkelmu fuq l-ispejjez. Qallha biex iccempillu l-ghada u l-ghada cemplitu u qallha li ma kienx hemm u qaltlu li kien ser jisma bl-avukat.

Il-Qorti ezaminat ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Thomas Degiorgio u rat li Tessie Mizzi giet ezaminata minnu nhar id-19 ta' Marzu, 2020 ghall-habta tal-11.30 a.m u kkonkluda li kellha *bite marks 1 cm diameter present over right hand.*

L-akkuzat **Mario Formosa** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-8 ta' Novembru, 2021 u kkonferma li l-kelb pitbull huwa tieghu. Qal li ghandu tlett iklieb ghax kellu iehor li miet. Ix-xhud gie muri r-ritratt dok MB1 u kkonferma li l-kelb muri fir-ritratt huwa proprjeta tieghu. Dakinhar tal-incident ma kienx hemm u cemplitlu it-tifla Charlene u nizel jigri ghax ma kienx jaf ezatt x'kien nqala'. Bintu tatu t-telefon ta' Bernice u cemplilha u qaltlu li kienet qeghda l-clinic u qaltlu li meta tlesti minn hemm icempillu. Izda ma cemplitlux dakinhar. Mistoqsi ghaliex il-pitbull kien qed jigri barra jghid li ma jistax iwiegeb ghaliex ma kienx hemm dakinhar. Is-soltu ikun maghluq fir-razzett izda mhux marbut. Dakinhar kien Bugibba u ghalhekk ma jistax jghid x'gara. Jaf biss dak li qaltu t-tifla u cioe li ma sabitx il-kelb fir-razzett izda sabitu wara marbut ma arblu u li l-kelb kien gidem kelba .

---

[23] Fol. 85 tal-process
[24] Fol. 86 tal-process.

L-akkuzata **Charlene Formosa** xehdet b'mod volontarju u minn jeddha nhar it-8 ta' Novembru 2021[25] u spjegat li bhal ma taghmel is-soltu, marret titma z-zwiemel filghodu u tohroghom daqxejn. Fil-fatt marret tippassigja z-ziemel. ghalqet il-grada warajha u hadet ic-cwievet maghha. Fit-triq iltaqghu mal-kwerelanti u bdew jifirhu bi-ziemel ghalkemm hija baqghet ghaddejja. Selmitilhom u baqghu mixjin u baqghet mixja lejn l-ghalqa. Kif waslet lura sabet il-grada miftuha izda ma tafx kif infethet ghaliex hija ghalqitha u hadet ic-cwievet maghha bhal ma taghmel kull darba. Indunat li jew xi hadd ipprova jiftah u fil-fatt fetah. Xi haga gara izda ma tafx x'hiex ghaliex ma kientix hemm. Hija sabet il-bieb miftuh. Is-soltu jkun maghluq bil-katnazz u bic-cavetta. Il-katnazz jkun fil-lock. Il-katnazz kien imqaccat u l-bieba miftuha. Tghid li l-ghalqa maghha ma kien hemm hadd u ghalhekk ma tistax tifhem x'gara. Fir-razzett il-klieb ma jkunux marbutin. Hija pero qatt ma thali l-bieb miftuh. Tghid li l-kelb huwa taghhom u minghajrhom ma jmur imkien dejjem jigri maghhom.

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti tirrigwarda attakk feroci minn kelb pitbull fuq kelba proprjeta tal-kwerelanti  u dan fl-inhawi tal-Fawwara nhar id-19 ta' Marzu 2020 u waqt dan l-attakk il-kwerelanti u l-kelba taghhom gew feruti.

Din hija kawza li tippernja ruhha biss fuq il-kredibbilta tax-xhieda. Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn ma temminx lill-kwerelanti ta' kif gara l-incident.  Cioe li nhar id-19 ta' Marzu 2020 waqt li huma mixjin lejn il-Fawwara ghall-affari taghhom gew tlett iklieb jigru u wiehed minnhom u cioe l-pitbull attakka b'mod feroci l-kelba taghhom Nina u meta marru jipprovaw iferqu huma gew feruti ukoll skond ic-certifkati medici esebiti minnhom.

[25] Fol. 91 tal-atti

Id-difiza tghid li fil-fatt mhux minnu li l-kwerelanti gew migduma mill-kelb izda fil-verita li ghandhom kienet kagun talli zammew ic-cinga tal-kelba taghhom b'mod li l-kelba ma setghet tahrab u fil-fatt il-ferita taghhom tikkonsisti f'selha minhabba c-cinga. Dan pero' ma hux minnu ghaliex it-tabib fil-konfront ta' Tessie Mizzi jiddeskrivi l-feriti li kelha bhala bite marks present over right hand u ghalhekk zgur li mhux selha, waqt li t-tabiba Dr Stephanie Palmier fil-konfront ta' Bernice Van Dyke tghid li kellha 'two puncture wounds over dorsum of right hand and swelling and pain'. Dawn il-puncture wounds zgur li ma gewx kagunati bit-tigbid ta' xi cinga izda saru permezz tas-snien tal-pitbull. Il-kwerelanti kienu cari fix-xhieda taghhom u ilkoll stqarrew li ghalkemm kien hemm tlett iklieb, kien il-pitbull biss li aggredihom u jghidu li l-ohrajn baqghu ghaddejjin. Ghalhekk ma hemmx dubbju li fil-fatt l-feriti subiti mill-kwerelanti Bernice Van Dyke u Tessie Mizzi saru bis-snien tal-pitbull. Fir-rigward il-feriti sofferti mill-kelba Nina proprjeta tal-kwerelanti, jirrizulta bic-car li hija giet aggredita mill-pitbull u li kellha bzonn hafna kura u attenzjoni sabiex tigi salvata tant li kellha diversi operazzonijiet u kellha diversi viziti fl-isptar kif jiccertifika id-dokument DM2 u DM3. Ghalhekk ma hemmx dubbju li huwa l-kelb pitbull li kkaguna fawn il-feriti kollha hemm deskritti.

Jinghad pero' li l-Qorti trid tara u tqis min hu responsabbli ghal dan l-incident. Jirrizulta bic-car minn dak li stqarr Mario Formosa taht gurament li t-tlett iklieb li grew barra, inkluz il-pitbull huma tieghu. Jghid pero' li huwa fil-jum tal-incident ma kienx il-Fawwara izda kien Bugibba izur zitu anzjana u kien biss meta cemplitlu bintu li mar jigri l-Fawwara biex jara x'gara. Charlene titkellem fil-plural meta tixhed fis-sens li l-klieb huma taghhom, naturalment tal-familja taghhom pero' s-sid huwa wiehed u huwa l-missier. Imkien ma tghid li hija s-sid tal-klieb. Hija ghal kuntrarju kienet il-Fawwara fil-jum tal-incident pero' ma kienitx fir-razzett meta telqu jigru l-klieb, kienet gja harget biz-ziemel bic-cinga u kienet ukoll iltaqghet mal-kwerelanti qabel ma sehh dan l-incident.

Jirrizulta li meta Charlene giet mitkelma mill-pulizija u appuntu WPC 189 ftit wara li l-kwerelanti ipprezentaw ir-rapport taghhom l-ghassa, ma qalitx li kienet ghalqet il-bieb bil-katnazz. Tghid biss li meta rritornat lura biz-ziemel ma sabitx il-klieb u marret tfittxhom bil-karozza. Kien biss xhur wara li fil-fatt Charlene tghid li kienet ghalqet il-bieb bic-cavetta u katnazzz u li sabet il-katnazz imqaccat. Pero' dan il-katnazz qatt ma gie esebit. Il-missier cioe l-akkuzat Mario Formosa meta gie mitkellem l-ghassa ukoll WPC 189 stqarr li kien sid il-klieb pero' ma kienx fuq il-post tal-akkadut dakinhar tad-19 ta' Marzu 2020. Il-Qorti ghalhekk ma temminx li fil-fatt verament kien hemm katnazz bic-cavetta mal-bieb minn fejn harget biz-ziemel u prova dwar dan ma tresqitx lanqas. Il-Qorti hija iktar propensa temmen il-versjoni moghtija minn Charlene a tempo vergine.

Il-Qorti temmen li meta harget Charlene, ma kienx hemm katnazz u ghalhekk il-bieba infethet u l-klieb hargu jigru stante li ma kienux marbuta u l-pitbull attakka lil kelba tal-kwerelanti u lilhom ukoll. M'hemmx dubbju li jekk wiehed jezamina r-ritratti esebiti jirrizulta car li l-attakk kien wiehed aggressiv u kkaguna hafna hsara. Kien biss ghaliex il-kwerelanti sabu xi hadd jghinhom u pprovdilhom habel li l-attakk gie fi tmiemu meta l-pitbull intrabat mal-arblu.

Id-difiza qed issostni li l-kelb pitbull ma hux kelb feroci tant li ikun dejjem mal-familja Formosa u idur maz-ziemel fir-razzzett taghhom. Din il-Qorti issibha difficli taqbel maghha meta tara r-rizultatz tal-akkadut. Pero din il-Qorti qed izomm responsabbli lil Mario Formosa tal-incident u dan fil-kapacita tieghu ta' sid il-kelb li ma assigurax li l-klieb tieghu ma jaharbux mill-ghalqa tieghu u lil Charlene Formosa responsabbli bhala detentur tal-klieb inkluz il-pitbull u dan ghaliex dakinhar, il-kelb kien fid-detenzjoni taghha tant li tghid li hija halliet il-kelb warajha meta harget biz-ziemel.

Ghalhekk din il-Qorti tikkonferma id-decide tal-ewwel Qorti li sabet lill-appellanti hatja taz-zewg akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom. Qeghda ukoll tikkonferma il-piena moghtija minnha.

Fir-rigward ta' l-ahhar parti tas-sentenza u cioe fejn ordnat id-distruzzjoni tal-kelb pitbull ghas-spejjez tas-sid Mario Formosa jew tad-detentur Charlene Farrugia, din il-Qorti rat dak li jiddisponi l-artikolu 14(1) tal-Kap 312 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

> *"14.(1) Meta xi sid jew detentur ta' kelb li jkun ta' perikolu għan-nies, jonqos li jżomm il-kelb taħt kontroll, dan ikun ħati ta'reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) u l-qorti għandha tordna lill-Pulizija li tiddistruġġi l-kelb għas-spejjeż ta' sidu jew tad-detentur tiegħu minkejja li l-kelb jista' jkollu sid jew detentur ġdid"*

Il-ligi tikklasifika x'inhu kelb perikoluz u dan fis-sub inciz (4) tal-istess artikolu 14 li jghid li:-

> *(4) Kelb li jkun gidem jew ħabat għal xi persuna jitqies li hu perikoluż, kemm-il darba ma jiġix pruvat kuntrarju.*

In oltre l-ligi tghid fis-sub artikolu 2 tal-istess artikolu 14 li:-

> *(2) Ma jkunx meħtieġ għall-prosekuzzjoni biex tipprova li s-sid jew id-detentur kien jaf li l-kelb kien perikoluż biex il-qorti tordna li jiġi distrutt il-kelb kif provdut fis-subartikolu (1)*

Ghalhekk huwa car li l-legislatur ried jorbot idejn il-gudikant li jekk ikun hemm kelb li jigdem xi persuna, dan **ghandu** jitqies bhala perikoluz (kelma tassattiva fuq il-Qorti) u l-Qorti **ghandha tordna d-distruzzjoni tal-kelb. Din hija materja tassattiva u ma thallix diskrezzjoni f'idejn il-Qrati.**

Ghalhekk fuq il-bazi tar-rizultanzi, l-Ewwel Qorti kienet gustifikata li tordna d-distruzzjoni tal-kelb.

B'dana kollu, din il-Qorti, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tara li jkun aktar xieraq li tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat id-distruzzjoni tal-kelba u - kif ghamlet

fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Sergio Farrugia**[26]"u fis-sentenza **il-Pulizija vs Stephen Degabriele**[27] - ser tordna li l-kelba tinzamm ghal dejjem u sakemm tmut fil-kennel tal-Animal Welfare jew f'xi santwarju iehor governattiv maghzul mid-Direttur li huwa inksrigat mill-Animal Welfare.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u fejn ikkundannathom ghal ammenda ta' tlieta u ghoxrin euro (€23) u tirrevokaha fejn ordnat id-distruzzjoni tal-kelb u minnflok tordna li l-kelb jinzamm, a spejjez tal-appellanti, ghal dejjem sakemm tmut fil-kennel tal-Animal welfare, jew f' xi santwarju iehor governattiv tal-klieb, b' dana li taht ebda cirkostanza ma ghandha tigi ritornata, konsenjata jew rilaxxjata lil u/jew fil-pussess tal-appellanti.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur

---

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fid-19 ta' Ottubru 2006
[27] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ftl-31 ta' Lulju 1998